# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 12 ta' Marzu tas-sena 2002.**

**Numru 16**

**Avviz numru 363/98/SM**

**Elmo Insurance Services Limited in rapprezentanza tas-socejta' estera Sun Alliance & London Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Tabib Michael John Balzan u l-istess Tabib Michael John Balzan u permezz ta' nota datata 22 ta' Frar 2000 Elmo Insurance Agency Limited bhala rapprezentarici tas-socjeta' estera Royan & Sun Alliance & London Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Tabib Michael John Balzan assumiet l-atti tal-kawza.**

**vs**

**Nazzareno Attard u b'digriet tat-2 ta' Novembru ta' l-1999 l-isem Nazzareno ghandu jinbidel f'Ashley.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-24 ta' Frar ta' l-1998 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' mija sitta u tmenin lira hamsa u erbghin centezmu, (LM186.45,0) in kwantu ghal mija wiehed u sittin lira hamsa u erbghin centezmu (LM161.45,0) lis-socjeta' attrici Elmo Insurance Services Limited noe u in kwantu ghal hamsa u ghoxrin lira (LM25.00,0) lill-attur Tabib Michael John Balzan in linea ta' danni minnu kagunati in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara Rahal Gdid fl-1 t'April 1996 meta waqt li hu kien qed isuq vettura Nru S-7660 habat mal-vettura Nru. U-6625 proprjeta' tal-attur Tabib Michael John Balzan u misjuqa minnu, previa dikjarazzjoni li ghal dan l-incident hu kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;**

2. **Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Awissu 1997, u dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma dan l-att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjeri proceduri, u b l-imghax legali mit-18 t'Awissu, 1997, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-30 ta' Marzu ta' l-1998 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi l-incident tat-traffiku meritu ta' din il-kawza ma garax tort tal-eccipjenti, izda gara tort tat-tabib Michael John Balzan is-sewwieq tal-vettura U-6625 u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

**2. Illi stante li dan l-incident ma' garax tort u htija tal-eccipjenti, l-ebda ammont ma huwa dovut lill-atturi in linea ta' danni;**

**3. Salve eccezzjonijiet ohra;**

**Ezaminat ix-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta;**

**Semghet ix-xhieda l-ohra prodotti;**

**Rat id-dokumenti kollha esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentant legali ta' l-atturi u d-dikjarazzjoni tar-rapprezentant legali tal-konvenut li qed jistrieh fuq il-provi prodotti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh fl-1 t'April ta' l-1996 ghall-habta ta' l-10.30 a.m. hdejn ir-"roundabout" li kien hem ftit il-boghod mic-cimiterju ta' l-Addolorata, Rahal Gdid;**

2. **Illi l-vetturi involuti kienu dik tal-marka Peugeot bin-numru U-6625 misjuqa minn Dr. Michael John Balzan, attur f'din il-procedura u dik tal-marka Mercedes bin-numru S-7660 misjuqa minn Ashley Attard u proprjeta' ta' missieru Nazzareno Attard;**

3. **Illi jirrizulta li z-zewg vetturi kienu gejjin minn Triq il-Labour, dik tal-attur Balzan sejjra fid-direzzjoni ta' Santa Lucia u kien qieghed fil-karreggjata ta' hdejn ir-"roundabout", filwaqt li dik tal-konvenut kienet fil-karreggjata tan-naha ta' gewwa, cioe' dik tax-xellug ghal dik ta' Balzan, izda ried jaqsam fil-karreggjata fuq il-lemin tieghu u jitla go Triq Garibaldi;**

4. **Illi konsegwentement sehhet il-kollizzjoni;**

**5. Illi l-vettura ta' l-attur soffriet danni fl-ammont komplessiv ta' mija u wiehed u sittin Lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu, (LM161.45,0), li stante li kienet assigurata b'mod komprensiv eventwalment ghamlet tajjeb ghalihom l-assigurazzjoni attrici u giet surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha;**

**6. Illi l-attur l-iehor baqhta l-ammont ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin, (LM25.00,0), li huwa hallas bhala "access";**

**Ikkonsidrat:**

**Illi ghandu jigi sottolineat bi pjacir li r-"roundabout" in dizamina m'ghadiex tezisti u tawgura li trappoli awtomobilistici ohra simili li ghadhom jezistu f'Malta jghaddu mill-istess iter li ghaddiet minnhom din ir-"roundabout";**

**Illi jirrizulta li l-attur Balzan kien qieghed fil-karreggjata proprja ghalieh stante li kien bi hsiebu jkompli fid-direzzjoni ta' Santa Lucija;**

**Illi jirrizulta wkoll li l-konvenut kien qieghed f'karreggjata li ma missux kien fiha galadarba l-intenzjoni tieghu evidentement kienet li jkompli ghal Triq Garibaldi;**

**Illi ghalhekk il-konvenut jirrizulta li kien tassew imprudenti li jiehu l-karreggjata li kien jinsab fiha stante li din kienet tikkonducieh f'direzzjoni differenti ghal dik li hu ried imur fiha u li biex jghamel hekk kien kostrett jinvadi karreggjata ohra li kienet tindirizza t-traffiku fid-direzzjoni ta' Santa Lucija;**

**Ghaldaqstant in vista tas-suespost din il-qorti filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut tilqa' dawk ta' l-atturi u konsegwentement:**

**1. Tiddikjara lill-konvenut Ashely Attard unikament responsabbli ghall-incident meritu ta' din il-procedura;**

**2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont komplessiv ta' mija u sitta u tmenin Lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu, (LM186.45,0);**

**3. Tikkundanna lill-konvenut Ashley Attard biex ihallas l-ammont hekk likwidat kwantu ghall-mija u wiehed u sittin Lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu, (LM161.45,0), lis-socjeta’ attrici u kwantu ghall-hamsa u ghoxrin Lira Maltin, (LM25.00,0), lill-attur Tabib Michael John Balzan, b’ispejjez u bl-imghaxijiet legali dovuti mid-data ta’ l-ittra ufficcjali datata t-18 t’Awissu ta’ l-1997.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**